## 7 ta' Diċembru, 1956

## Imħallfin:

**Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;***
**Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.**
**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

**Francis Saliba *versus* Stanley Isles**

## Lokazzjoni — Board tal-Kera — Familja — "Alternative Accomodation — Appell

*Fil-każ ta' talba tal-lokatur għar-ripreża ta' pussess tal-fond mikri lill-inkwilin li jkollu jgħixu miegħu lil nies il-mara tiegħu, u dawn kienu miegħu sa mill-bidu tal-kirja u baqgħu joqgħodu miegħu, dawn in-nies għandhom jingħaddu wkoll għall finijiet tas-"suitability" tal-fond offert lil dak l-inkwilin bħala "alternative accomodation".*

*Għax il-kelma "familja" ġiet fil-liġi użata fis-sens ordinarju tagħha skond is-sistema legali tal-pajjiż, la darba ma hemm xejn fil-liġi li jirrestrinġi dak is-sens; u fis-sistema legali tal-pajjiż il-familja tikkomprendi dak il-kumpless ta' persuni li huma konġunti permezz tad-demm, u kwindi tant l-anjati kemm il-konjati, u l-qrabu li jkunu jgħixu mal-inkwilin bħala unità waħda.*

*Ladarba l-Board tal-Kera jkun interpreta sewwa l-liġi, u l-Qorti tal-Appell taqbel miegħu, din l-aħħar imsemmija Qorti ma tidħolx fil-meritu tal-apprezzament tal-fatti.*

Il-Qorti; — Rat it-talba tar-rikorrent quddiem il-Board li Jirregola l-Kera biex jiġi awtorizzat jieħu lura l-fond 47 Conservatorio Street, Floriana, mikri lill-intimat, billi għandu bżonnu għall-familja tiegħu, u billi joffri minfloku lill-intimat il-fond 49 Granaries Square, Floriana;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-Board li Jirregola l-Kera tal-21 ta' Lulju, 1956, li biha ġiet miċħuda t-talba, bl-ispejjeż kontra r-rikorrent; billi l-Board ikkunsidra;

Illi r-rikorrent għandu l-mara u ħames ti tfal .........;

L-intimat għandu l-mara, tliet itfal, ġuvni ta' 19-il sena, xebba ta' 17, u tifel ta' 11-il sena. Miegħu hemm ukoll missier il-mara u omm il-mara, u tliet ħut il-mara, jiġifieri żewġt irġiel u mara miżżewġa;

L-intimat u nies il-mara tiegħu dejjem għexu flimkien, minn mindu żżewweġ. Huma marru joqgħodu fid-dar in kwistjoni meta oħt il-mara tal-intimat kienet sejra tiżżewweġ, għaliex id-dar l-oħra ma kienetx kbira biżżejjed;

Li l-intimat u nies il-mara tiegħu dejjem għexu flimkien irriżulta pruvat bla ombra ta' dubju. Ir-rikorrent, però, sostna illi l-fond ġie mikri biss lill-intimat, u kwindi l-Board għandu jara jekk il-fond offert huwiex "suitable" għall-intimat biss u l-familja tiegħu, u mhux għall-familja ta' nies il-mara wkoll. Irriżulta però ċar biżżejjed illi, meta Regina Clapshaw kriet il-fond lill-intimat, kienet taf li dan kellu nies il-mara miegħu, għaliex kellmuha omm il-mara u oħt il-mara tal-intimat, u Clapshaw riedet biss tkun żgura li ma humiex sejrin idaħħlu barranin .........;

Stabbilit illi għall offerta tal-"alternative accomodation" għandu jittieħed in-numru ta' nies li jokkupaw il-fond in kwistjoni, u mhux dawk biss tal-intimat, il-mara u t-tliet itfal tiegħu, jibqa' li jiġi eżaminat f'hix jikkonsisti dan il-fond;

*Omissis;*

Dan hu biżżejjed biex juri illi l-fond offert ma hux "suitable" bħala daqs, u anqas bħala sura, kunsidrat anki l-istat soċjali tal-intimat;

Għal dak li huwa "hardship", huwa ċar illi jkun wisq akbar għall-intimat u l-familja tal-mara tiegħu, ħdax b'kollox .........;

Rat ir-rikors tar-rikorrent, li biħ dan appella mis-sentenza fuq imsemmija tal-Board li Jirregola l-Kera tal-21 ta' Lulju 1956, talab ir-revoka tagħha, u l-laqgħa tat-talba tiegħu; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Illi l-Board irritjena li l-fond offert bħala "alternative accomodation" lill-intimat mhuwiex "suitable" la bħala daqs u lanqas bħala sura, u għall-finijiet tad-daqs irritjena li kellhom jiġu meħuda fil-konsiderazzjoni mhux biss l-intimat, martu u tliet uliedu, iżda wkoll nies il-mara tal-intimat, konsistenti fil-ġenituri u tliet aħwa. L-appellant isostni li nies il-mara tal-intimat ma għandhomx jingħaddu mal-familja tal-intimat għall-finijiet tas-"suitability" tal-"alternative accomodation", in kwantu tirrigwarda d-daqs tal-fond offert lill-intimat;

Iżda fil-każ in eżami għandu jiġi rilevat li, meta daħal fil-fond in kwistjoni, l-intimat kellu u baqgħu jgħixu miegħu nies martu, kif jinsabu l-lum; u tabilħaqq, meta kera l-fond in kwistjoni, ħadhom miegħu...... Immela bir-raġun fil-għadd tan-nies li jokkupaw il-fond leġittimament kellhom jingħaddu wkoll nies il-mara tal-intimat għall-finijiet tas-"suitability" tal-"alternative accomodation", in kwantu għad-daqs tal-fond offert; għax il-fond in kwistjoni mill-ewwel kien intiż għal dawk in-nies ukoll;

**Ikkunsidrat;**

Illi taħt iċ-ċirkustanzi fuq rilevati dawk in-nies għandhom jiġu kunsidrati bħala membri tal-familja tal-intimat, in kwantu huma membri tal-familja ta' martu koabitanti miegħu sa minn meta żżewweġ. U tabilħaqq, kif kellha okkażjoni tirritjeni dina l-Qorti, fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Novembru 1954, in re "Paolo Tonna vs. Vincenza Parnis", il-kelma "familja" fil-liġi ġiet użata fis-sens ordinarju tagħha skond is-sistema legali tal-pajjiż, ladarba ma hemm xejn li jirrestrinġi dak is-sens; u fis-sistema legali tal-pajjiż ġie segwit il-"Jus Commune" mill-Istituzzjonijiet ta' Ġustinjanu, li kien jikkomprendi fil-familja l-kumpless ta' persuni konġunti permezz tad-demm, u għalhekk l-antjati u l-konjati; u b'hekk il-Qorti kkomprendiet fil-familja

anki n-neputi koabitanti mal-inkwilin. L-istess ġie ritenut minn dil-Qorti fis-sentenza tagħha tat-13 ta' Gunju 1953, in re "Zammit vs. Farrugia", u in re "Cuschieri vs. Camilleri" (Kollez. Vol. XXXVII. P. I, paġ. 568 u 573); u fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Novembru 1955, in re "Giuseppe Bonello vs. Rosa Tonna". U tabilħaqq, il-konċett tal-kelma "familja", użata fil-liġi in eżami, huwa dak ordinarju li għandu fil-lingwaġġ tal-pajjiż, li jikkomprendi l-qraba li jkunu jgħixu flimkien bħala unità waħda;

Ikkunsidrat;

Illi għar-raġunijiet fuq imsemmija l-Board interpreta sewwa l-liġi; u ladarba l-Qorti taqbel miegħu fuq dik l-interpretazzjoni, ma tidħolx fil-meritu tal-apprezzament tal-fatti;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-appellant.